**Is-Sitt Ħadd ta' matul is-Sena**
Il-Ħadd 12 ta' Frar 2023

# Aħbar Tajba



Sir 15, 15-20
Salm 118 (119), 1-2.4-5.17-18.33-34
1 Kor 2, 6-10
Mt 5, 17-37

"Mela jekk tkun qiegħed ittalla' l-offerta tiegħek fuq l-artal u hemm tiftakar li ħuk għandu xi **ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk... u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk."**

Hemm mument waqt kull quddiesa, hekk kif tispiċċa l-parti tal-qari, x'ħin il-qassis joħroġ fin-nofs u jitilgħu xi persuni biex jagħtuh l-offerti. Insejħulu l-offertorju u ħafna drabi fl-istess waqt joħroġ is-sagristan b'qoffa żgħira, iċekċek minn bank għall-ieħor biex jiġbor l-offerti tagħna.

Imbagħad iċ-ċelebrant jibda l-mument tant importanti fil-quddiesa fejn l-offerti tal-ħobż u tal-inbid jikkonsagrahom biex isiru l-ġisem u d-demm ta' Ġesù, li mbagħad aħna ser nirċievu biex inġorru fina.

Il-flus li jkunu nġabru waqt il-quddiesa, il-Knisja tużahom għal ħafna skopijiet differenti. Xi drabi biex iżżomm il-bini xieraq għad-dar ta' Alla jew biex iċ-ċelebrazzjoni lil Alla ssir aħjar. Drabi oħra biex tgħin lil xi grupp ta' nies li jkunu fil-bżonn, filwaqt li jkun hemm drabi li l-ġabra tkun ftit speċjali biex tgħin f'xi proġett li l-komunità jkollha bżonn.

Fil-Bibbja nsibu ħafna siltiet li juruna kemm hu sabiħ u importanti li bħala parti mill-poplu ta' Alla nagħmlu l-offerti tagħna. Imma fl-istess waqt fl-Evanġelju tal-lum Ġesù jurina li hemm affarjiet li huma ferm aktar importanti. Fil-fatt naqraw: "Jekk tkun qiegħed ittalla' l-offerta tiegħek fuq l-artal u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk... u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk."

Imma x'irid ifisser Ġesù b'dan? Mingħajr ma jnaqqas mill-importanza tal-offerti tagħna, Ġesù jrid ifakkarna li mhux biżżejjed intellgħu l-offerti fuq l-artal. Kellek xi tgħid ma' xi ħadd minn ħutek? Għedt xi kelma b'oħra lil ommok jew missierek? Kien hemm xi ħadd li bi kliemek waqqajtu għaċ-ċajt? Kellek xi argument ma' xi ħadd minn sħabek li ma spiċċax sabiħ? Għedt xi kelma iebsa lil xi ħadd fil-klassi tiegħek? Jekk iva, Ġesù qed jurina li l-ewwel pass li Alla jixtieq minna hu li niskużaw ruħna u nitolbu maħfra.

Imbagħad Ġesù jkompli li meta nkunu għamilna paċi ma' dawk li nkunu nqasna, l-offerta tagħna tkun tagħmel ferm aktar sens. Għax ma nkunux biss tajna offerta żgħira fil-qoffa ċċekċek tas-sagristan, imma aħna stess sirna offerta għal dawk ta' madwarna. Għalhekk ejjew nitolbu lis-Sinjur Alla biex jgħinna ma nibqgħux infittxu lilna nfusna imma nsiru offerta għal dawk ta' madwarna.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

DIXXIPLI, LIĠI, PROFETI, MILJA, KBIR, SALTNA, SMEWWIET, OFFERTA, ARTAL, ĦUK, KELMA, TAJBA

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | R | O | F | E | T | A | Ġ | O | B |
| I | M | Ħ | O | I | Ż | A | I | J | A |
| A | L | L | F | I | N | P | A | T | R |
| D | A | N | F | Ħ | U | K | A | J | I |
| I | S | M | E | W | W | IE | T | R | K |
| X | K | A | R | T | A | L | GĦ | O | I |
| X | B | A | T | A | J | B | A | D | A |
| I | I | T | A | J | A | M | M | I | L |
| P | R | O | F | E | T | I | Ġ | E | N |
| L | I | Ġ | I | T | R | L | U | U | I |
| I | K | E | L | M | A | J | R | I | V |
| Ż | S | A | L | T | N | A | N | A | S |
| Ġ | E | S | Ù | K | R | I | S | T | U |

# "Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi."



## Żomm Malta nadifa!

Dejjem ikollna x'narmu… Imma tajjeb narmu kollox? Illum qed nitgħallmu nixtru bil-għaqal u b'hekk niffrankaw il-flus u nnaqqsu l-iskart (REDUCE). Qed nitgħallmu nerġgħu nużaw dak li nistgħu (REUSE). Jekk vera ma nistgħux nużawh, jista' jintbagħat biex issir xi ħaġa oħra minnu (RECYCLE). Għalhekk qed nisseparaw l-iskart fil-bring-in sites. Dan hu għaqal. B'hekk nevitaw li nniġġżu l-arja, l-ilma u l-ħamrija. Hekk nagħmlu użu aħjar mill-ispazju fejn pajjiżna jarmi l-iskart (landfills). Minħabba li pajjiżna żgħir irridu nibżgħu aktar għalih. Dan jiddependi minn kull ċittadin. Allura jiddependi minnek ukoll!

Malta tagħna tiddependi mill-għażliet tiegħek.....jekk intix tarmi jew tħalli loqom, karti, fliexken, laned, tissues, chewing gum etc barra. Aktarx ħa tiftakar f'ċittadini adulti li mhumiex responsabbli u li jkunu traskurati fuq ix-xogħol. Dawn jippruvaw jiżgiċċaw il-liġijiet u jagħmlu ħsara lil artna. Min tassew iħobb lil pajjiżna jiddispjaċih, jirrabja u għandu raġun. Imma ejja ma naqtgħux qalbna u nibqgħu nagħmlu dak li hu sew u ġust. Tibżax, fl-aħħar naslu!!



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.








**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION